MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Numru 1234/2006

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D., MA**

**ILLUM 14 TA' FRAR, 2008**

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL VASSASLLO**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**
**SPETTUR JEFFREY CILIA**

**KONTRA**

**PAUL JASON DEGIORGIO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Paul Jason Degiorgio ta’ 39 sena, bin Joseph u Lilann nee’ Tabone, imwieled il-Kanada nhar l-20 ta’ Jannar, 1969, residenti fil-fond numru 27, Winter Haze, Triq San Licinju, Lija, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 143200L;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

1. Nhar it-18 ta’ Novembru, 2006, u fil-gimghat ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, fi stabbiliment f’San Giljan, zamm jew ezercita jew kellu sehem ma’ ohrajn fl-ezercizzju ta’ burdell jew ta’ dar, hanut jew lokal iehor jew ta’ xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali, u dan bi ksur tal-Artikolu(1)(3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi bhala l-persuna licenzjata ta’ hanut, allogg jew lukanda jew appartament privat halla jew ippermetta li dak il-hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti taghhom jigu uzati bhala post ta’ laqgha ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi bhala sid jew bhala l-persuna li kellu f’idejh l-amministrazzjoni ta’ dar jew fond iehor li xjentement ta b’kiri jew ippermetta l-uzu taghhom ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali bi ksur tal-Artikolu 10 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi bhala operatur ta’ attivitajiet turistici halla l-post f’xi zmien jintuza ghal xi ghemil kontra l-Ligi jew il-moralita’ pubblilka u dan bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Avviz Legali 128/2002;

5. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer impjega, jew ta xoghol lil xi persuna li ma tkunx ezenti u li ma jkollhiex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, jew b'mod iehor ghen jew assista lil xi persuna li ma tkunx persuna ezenti fl-ghemil ta' reat mahsub fl-Artikolu 23 tal-istess Att, u dan bi ksur tal-Artikolu 32(1)(b) tal-istess Att;

6. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer impjega persuna minghajr licenzja u dan bi ksur tal-Artikolu 5(9) tal-Avviz Legali 205/2004;

7. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer bhala principal impjega xi persuna li ma kinitx cittadin ta' Malta, liema persuna ma kellhiex permess tax-xoghol, u dan bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Avviz Legali.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti ta' dan il-kaz huma s-segwenti:

L-imputat kien imexxi l-fond Club Rouge f'San Giljan, fiz-zmien meta sar 'raid' mill-pulizija fl-istess fond, liema azzjoni saret fuq rapporti li f'dan il-lokal kienu qed isiru attivitajiet bi skop immorali jew addirittura attivitajiet ta' prostituzzjoni. Sussegwentement il-pulizija ressqet lill-imputat biex iwiegeb ghal imputazzjonijiet taht il-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll li mexxa stabbiliment kummercjali minghajr licenzja, u li impjega persuni minghajr ma kellhom permess tax-xoghol.

Il-Prosekuzzjoni qieghda tishaq li l-imputazzjonijiet kollha gew ippruvati u ghalhekk ghandhom jirrizultaw. Ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet taht il-Kapitolu 63, ghandha tirrizulta l-attivita' ghal skopijiet immorali, peress illi fuq prostitizzjoni l-Prosekuzzjoni stess taqbel li ma rrizulta xejn. Id-Difiza, minn naha taghha, targumenta li ebda wahda mill-imputazzjonijiet ma rrizultaw ippruvati, u ghalhekk l-imputat ghandu jigi liberat minn kull htija u piena.

Il-Qorti tirrileva li dan il-kaz hu ghal kollox wiehed partikolari. Hemm erba' imputazzjonijiet rigward it-tmexxija ta' stabbiliment ghal skopijiet immorali, u hemm tliet imputazzjonijiet rigward licenzji tal-istess stabbiliment u nuqqas ta' permess ta' xoghol ghall-impjegati li hadmu hemm. Il-Qorti sejra tezamina dawn l-imputazzjonijiet 'seriatim', u tikkonsidra dawn fl-isfond tal-provi prodotti. Izda qabel xejn tajjeb li wiehed jara ezatt x'tip ta' stabbiliment qed jigi allegat li l-imputat kien qed imexxi.

Fl-ambjent tal-industrija tad-divertiment qieghdin jinbtu dawn l-hekk imsejha 'adult clubs' jew 'gentlemen's clubs', li jipprovdu ambjent ta' mistrieh u divertiment ghal persuni ta' eta' matura. Dawn il-lokalitajiet ikollhom zeffiena nisa li jkunu lebsin ilbies imqaccat hafna, hekk biex tigi ezaltata aktar il-figura femminili taghhom. Dawn ikunu qeghdin jizfnu fuq palk adattat, jew jistghu sahansitra jintalbu jizfnu ghal individwu jew individwi partikolari billi jithallsu xi haga zejda, u z-zifna ssir jew ma' arblu jew qrib hafna tal-persuna li jkun hekk hallas ghaliha, b'mod li l-movimenti taz-zfin ikunu xi ftit jew wisq sesswalment provokattivi ghal min qieghed jara liz-zeffiena. Ghalhekk dawn l-istess zeffiena jissejhu 'pole dancers' u 'lap dancers', termini li jispjegaw hafna fil-qosor u fl-elokwenza taghhom it-tip ta' zfin taghhom. Dan it-tip ta' divertiment huwa indirizzat principalment, izda mhux biss, ghall-irgiel, li l-gost taghhom hu li jhallsu mara sabiha toqghod tizfen u tecitahom sesswalment minghajr, izda, ma jkun hemm xejn iktar intimu minn hekk.

Il-Prosekuzzjoni qieghda tghid li dan l-istabbiliment hu wiehed minn dawn il-'clubs', u li din l-attivita' ta' 'pole

dancing’ u ‘lap dancing’ hi wahda immorali. Issa hawnhekk il-Qorti ghandha problema legali, precizament x’jikkostitwixxi morali u immorali. Il-Qorti taf tajjeb li dawn il-konnotazzjonijiet jistghu iqanqlu jew igibu hsibijiet u fehmiet ta’ kundanna u tkazar fil-mohh ta’ dak li jkun fuq estrem wiehed, u ta’ espressjoni ta’ liberalizmu u maturita’ individwalista fuq l-estrem l-iehor. Jibda biex jinghad li l-moralita’ qatt ma tista’ tkun relattiva jew individwalista, izda ghalkemm hi universali trid bil-fors tintrabat ma’, u tkun influwenzata minn, kultura ta’ kull pajjiz u ta’ kull poplu. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, huwa ghal kollox skorrett min jipprova jippromwovi l-hsieb li l-moralita’ in generali tiddependi fuq l-individwu u kemm hu jhossu jew ma jhossux matur. Hu immorali dak kollu li jsewwes ir-ruh u l-hsieb tal-bniedem, u jmur kontra n-natura tal-bniedem u kontra l-principji tad-dritt universali.

Izda f’dan il-kaz partikolari, id-diffikulta’ ewlenija li ghandha din il-Qorti hi precizament in-nuqqas ta’ definizzjoni ta’ “skopijiet immorali” f’dan il-kuntest. Allura, l-“immorali” ma jistax jibqa’ xi kuncett astratt applikabbli ghal xi azzjoni partikolari jew imgieba partikolari, ghax li kieku kien hekk, il-Qorti tista’ ssemmi diversi sitwazzjonijiet fil-hajja ta’ kuljum li huma immorali jew kwazi immorali, izda m’humiex kontra l-ligi. Il-Qorti ghalhekk trid bil-fors tikkunsidra l-“immorali” fil-kuntest ta’ ksur ta’ ligi penali.

Fin-nuqqas ta’ tifsira ta’ “skopijiet immorali”, il-Qorti trid bil-fors b’anologija tesamina d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 63 u tara l-ambjent ta’ ‘clubs’ adulti f’dan l-isfond. Tajjeb li jigi osservat f’dan l-istadju li l-Ligi ma tipprojbixxix l-att sesswali fih innifsu bejn zewg adulti, anki hekk dan ikun bi hlas. Il-Kapitolu 63 jipprojbixxi, fost affarijiet ohra, it-tlajjar ghal dak l-iskop, it-tmexxija ta’ burdell ghal dak l-iskop, l-isfruttar ta’ persuni ghal dak l-iskop, u l-qligh ta’ flus minn dik l-attivita’, izda mhux l-atti sesswali bejn mara u ragel li t-tnejn ikunu hekk iridu, anki jekk il-wiehed qed ihallas flus lill-ohra jew ihallas b’mod iehor. Allura l-“iskop immorali” ghandu jigi kkunsidrat fl-isfond tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 63. Mill-interpretazzjoni li din il-Qorti tista’ taghti, il-Ligi tfittex li tipprotegi persuni li jigu assoggettati kontra l-

volonta' taghhom milli jaghmlu atti sesswali ma' terzi, u/jew li l-flus li jithallsu ta' hekk jinghaddu lil haddiehor, lil min qed imexxiehom. L-immoralita' allura ma tibqax biss izolata fuq l-att sesswali per se, izda l-wiehed jisfrutta d-dghjufija ta' haddiehor u jzomm lil dik il-persuna dghajfa taht il-kontroll assolut tieghu. Huwa f'dan il-kuntest li l-Qorti ghandha tara xi tfisser "skop immorali". Dan qieghed jighad ukoll u jigi pprecizat peress illi fil-kamp penali ghandha dejjem tinghata interpretazzjoni restrittiva ta' kull kuncett li jkun, u ghalhekk l-iskop "immorali" ukoll irid jigi interpretat b'dan il-mod u f'dan l-isfond.

Fil-kaz ta' 'lap dancers' u 'pole dancers' x'ghandna? Ghandna ambjent ta' persuni adulti li konsenswalment jinku u jipprovokaw lil xulxin minghajr wisq intimita' zejda, u bi hlas. Fil-fehma tal-Qorti, din l-attivita' ma tinkwadrax ruhha fl-immorali f'dan is-sens, izda se mai tinkwadra ruhha f'loghob bin-nar b'ilbies protettiv – kemm wiehed jara u jmiss in-nar mill-qrib kemm jista' jkun minghajr ma jinharaq. F'dan l-ambjent ghandna zewg persuni, jew anki forsi iktar ilkoll flimkien, li qed jaghtu l-kunsens taghhom ghal ftit loghob li ma jwassal imkien. Ma hemm xejn immorali b'daqshekk. Zgur li ma hemm xejn kontra l-Ligi. Din hi ir-retroxena tal-kaz kollu.

Issa fil-kaz in ezami l-unika prova li ghandna hija l-istqarrija tal-imputat u l-applikazzjonijiet ghax-xoghol taz-zeffiena in kwistjoni. Dan qieghed jinghad ghas-semplici raguni li x-xiehda moghtija mill-ufficjali tal-Pulizija hi kollha 'detto del detto', u ghaldaqstant ma tista' twassal imkien ghall-finijiet ta' prova. Mill-banda l-ohra, izda, l-istqarrija volontarja tal-imputat tikkostitwixxi prova kardinali u ewlenija. Fl-istqarrija tieghu l-imputat jistqarr illi l-fond kien qieghed imexxieh hu u li kien 'gentlemen's club', u jghid ukoll illi z-zeffiena li kellu hemm kellhom il-permess tax-xoghol ghadu pendenti. Dawn kienu jithallsu minnu, u kienu wkoll jithallsu 'tips' jekk jintalbu jizfnu ghal individwu jew individwi privatament. Pero' ftit li xejn aktar ma nsibu relevanti ghall-kaz in ezami. Ma rrizulta minn imkien li dawn in-nisa zeffiena kienu qed jinzammu hemm kontra r-rieda taghhom, jew jekk din it-'tip' li kienu jithallsu minn klijenti tal-istabbiliment kinitx tinghata lil jew tingabar mill-

imputat, u jekk l-istess zeffiena kinux izommu parti minn din it-‘tip’, jew izommuha kollha. Anzi, l-fatt li s-seba’ zeffiena kellhom il-permess ghax-xoghol pendenti jista’ jfisser li dawn kienu qed ifittxu impieg regolari f’dan l-istabbiliment, u ghalhekk il-Qorti ma tistax tassumi li dawn in-nisa kienu qed jinzammu kontra l-volonta’ taghhom jew jigu mgieghla jaghmlu xi haga kontra l-istess volonta’ taghhom. Il-provi ma wasslux biex jindikaw li kien hemm xi attivita’ immorali jew illegali ghaddejja f’dan l-istabbiliment. Ghalhekk l-ewwel erba’ imputazzjonijiet, cioe’ dawk l-aktar gravi, fil-fehma ta’ din il-Qorti ma rrizultawx.

Kwantu ghat-tliet imputazzjonijiet l-ohra, dawn irrizultaw in parte. Kif jammetti l-imputat stess fl-istqarrija tieghu, u kif gie ppruvat mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, iz-zeffiena kienu qed jahdmu minghajr il-permessi mehtiega, u allura l-hames u s-seba’ imputazzjoni rrizultaw ippruvati. Fir-rigward tas-sitt imputazzjoni, izda, din ma tirrizultax, peress illi l-fond in kwistjoni hu validament licenzjat fuq isem hu l-imputat, kif jidher mid-dokumenti ezebiti a fol 94 u 95 tal-process. Ghalhekk minn din l-imputazzjoni ukoll l-imputat ser jigi liberat, u ser jinstab hati biss tal-hames u s-seba’ imputazzjoni.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti tara li fic-cirkostanzi ghandha tinghata piena pekunjarja ghall-hames u s-seba’ imputazzjoni li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, qed tigi applikata multa ta’ elfejn Ewro (EURO2,000.00).

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 8(1) u (3), 9, 10 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Ir-Regolament 7 tal-Avviz Legali 128/2002;
l-Artikoli 23 u 32(1)(b) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;
ir-Regolament 5(9) tal-Avviz Legali 205/2004;
ir-Regolament 7 tal-Avviz Legali 110/1993;

Ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba’ (4), u s-sitt (6) imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnhom,

Izda ssibu hati tal-hames (5) u tas-seba’ (7) imputazzjoni, u tikkundannah multa ta’ elf Ewro (Euro1,000).

Tordna inoltre li l-imputat jigi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni licenzja fuq stabbiliment kummercjali ghal zmien sena mil-lum, ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-istess Regolament 7 tal-Avviz Legali 110 tal-1993.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------